MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2012

Rikors Numru. 16/2011

**Joseph u Mary Mizzewgin Micallef [ID 0696540(M) u 0024041(G) rispettivament]**

**vs**

**Stephen Galli [ID 191009(M)]**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

1. Illi r-rikorrenti Joseph u Mary Micallef huma s-sidien tal-fond 17, Milano, Triq San Girgor, Sliema;

2. Illi l-imsemmi fond 17, Milano, Triq San Girgor, Sliema, jinsab mikri ghand l-intimat Stephen Galli;

3. Illi l-intimat gie interpellat sabiex ihallas is-somma ta’ tlett mija sitta u tmenin Ewro u tmien centezmi (€386.08) import ta’ arretrati ta’ kera dovuti minn

Dicembru 2004 sa Gunju 2010 fuq l-fond 17, Milano, Triq San Girgor, Sliema;

4. Illi ghalkemm l-intimat gie interpellat diversi drabi, fosthom, permezz ta' ittri ufficjali datati 12 ta' April, 2010 u 17 ta' Gunju, 2010, dan baqa' inadempjenti;

5. Illi l-esponenti qeghdin isofru danni b'telf ta' kirjiet skont is-suq hekk if inhu illum;

6. Illi r-rikorrenti jafu bil-fatti msemmija di scenzia propria;

7. Illi, fl-opinjoni tar-rikorrenti, l-intimat m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti u ghalhekk il-kawza tista' tigi deciza bid-dispensa tas-smigh ai termini ta' l-Artikolu 16A et seq. tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk qeghdin isiru dawn il-proceduri sommarji specjali li fihom is-sentenza ghandha tinghata fl-ewwel dehra fil-kawza jekk l-intimat ikun kontumaci f'dik is-seduta jew inkella jekk huwa jonqos milli juri f'dik is-seduta li jkollu difiza li tiswa u li jista' jaghmel sabiex jikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti;

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neccessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghid ghalhekk l-intimat ghaliex m'ghandux dan l-Onorabbli Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti li qeghdin jitolbu li dan il-Bord Joghgbu:

i. Jaqta' u jiddeciedi l-kawza tad-dispensa tas-smigh ai termini ta' l-artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta;

ii. Jiddikjara xolta u li ma ghandhiex fis-sehh aktar il-kirja li l-intimat kien igawdi fuq il-fond 17, Milano, Triq San Girgor, Sliema proprjeta tal-atturi;

iii. Jordna lill-intimat jizgombra mill-fond 17, Milano, Triq San Girgor, Sliema fi zmien qasir u perentorju li qed jigi lilu prefiss minn dan l-Onorabbli Bord;

iv. Jikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' tlett mija sitta u tmenin Ewro u tmien centezmi (€386.08) import ta' arretrati ta' kera dovuti minn Dicembru 2004 sa Gunju, 2010 fuq il-fond 17, Milano, Triq San Girgor, Sliema;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali datati 12 ta' April, 2010 u 17 ta' Gunju, 2010.

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ikkonsidra:

Illi r-rikorrenti adew lil dan il-Bord sabiex fit-termini tal-artikolu 16A tal-Kap 69 jiddeciedi b'mod sommarju illi l-intimat huwa moruz fil-hlas tal-kera tal-fond in kwisjtoni u sabiex jiddikkjara xolta l-kera kawza ta' din il-morozita. Wara li semgha lill-intimat, l-Bord kien awtorizzah jikkontesta il-kawza u inghata zmien ghoxrin jum sabiex jirregistra riposta. Minkejja dan, l-intimat la rrigestra rispposta u wisq anqas deher fis-seduti sussegwenti sabiex jikkontesta l-kawza;

Illi skond ir-rikorrenti, dan il-fond kien mikri lin-nanna tal-intimat li mietet fis-sena 2004. Il-kera imbaghad issuccediet f'isem l-intimat li apparentement kien joqghod man-nanna tieghu qabel ma mietet. Dwar dan ma hemm l-ebda kontestazzjoni ghaliex ir-rikorrenti stess jippremettu illi l-fond huwa mikri lill-intimat. Ir-ragel ta' bin ir-rikorrenti, Emanuel Attard, jghid illi hu u r-rikorrenti kienu ta' spiss jitolbu l-kera verbalment lill-intimat u kellhom jirrikorru ghal talbiet bil-miktub meta baqa' inadempjenti. Ir-rikorenti spjega kif wara li l-kirja ghaddiet fuq l-intimat, jigifieri wara l-mewt tan-nanna tieghu, dan hallas biss kera fl-2004 u wara dakinhar baqa' moruz minkejja li kien ta' spiss mitlub jaghmel dan. L-intimat kien jghid li l-ammont mitlub mhux korrett minkejja li l-kera mitluba kienet l-istess kera li kienet thallas in-nanna tieghu. L-intimat imbghad ddepozita xi ammonti ta' kera permezz ta' cedola fis-sena 2010 u ohra fis-sena 2011;

Illi meta l-intimat xehed sabiex jiggustifika t-talba tieghu li jikkontesta din il-kawza, qal li kien pprova jhallas il-kera permezz ta' *cheque* fl-2006 izda dan baqa' ma ssarrafx u sussegwentement beda jiddepozita l-kera taht l-awtorita' tal-Qorti. Dan ic-*cheque* kien esebit u juri li inhareg fis-7 ta' Ottubru 2006 fuq l-HSBC Bank favur Mr. Joseph Micallef fl-ammont ta' tnejn u erbghin lira maltin. Dan ic-*cheque* inhareg minn Mr. J. Zammit pero' dwaru ma intqal xejn aktar u ghalhekk il-Bord m'ghandux dik l-informazzjoni tant mehtiega f'kazijiet bhal dawn, jigifieri jekk ic-*cheque* ntbghatax mill-intimat lir-rikorrenti u jekk dan kienx ritornat u f'dak il-kaz ghal liema raguni. Inoltre, c-cedoli ta' depozitu kienu jkopru "tlett (3) snin kera ghas-sena 2007, 2008 u 2009" (Dok JM2) u "kera tas-sena 2010" (fok JM3). Issa l-ittri interpellatorji saru ghal kera dovuta minn Dicembru 2004 sa Mejju 2010 u dawn igibu d-dati tat-12 t'April 2010 u s-17 ta' Gunju 2010;

Illi ghalhekk huwa evidenti li hemm xi haga li ma tinkwadrax fl-assjem ta' dawn il-fatti. Fix-xhieda tieghu Emanuel Attard jghid illi c-cedoli ma jkoprux l-arretrati dovuti qabel is-sena 2007. Joseph Micallef jikkonferma li kien ircieva z-zewg cedoli ta' depozitu hawn imsemmija u ghalhekk jehtieg issa lir-rikorrenti jispjegaw ghaliex interpellaw lill-intimat ihallas ghall-kera li kienet depozitata l-Qorti. Jekk wiehed jiehu kont tac-*cheque* tal-2006, dan jista' jaghmel tajjeb kwantu ghall-kera ta' sena u tlett skadenzi minn Dicembru 2004 sal Gunju 2006. B'hekk anke jekk ic-*cheque* jitqies li ntbaghat mill-intimat u kien ritornat mir-rikorrenti, jibqghu mhux kawtelati zewg skadenzi jigifieri dawk ta' Settembru u Dicembru 2006. Ghal dawn il-kweziti jista' jwiegeb biss l-intimat li, izda, ghazel li jabbanduna dawn il-proceduri. Ghalhekk tirrizulta l-morozita' kontemplata fl-artikolu 9(a) u proviso tal-Kap 69. Issa kif tenut li jaghmel skond il-gurisprudenza in rigward, il-Bord jehtieg li jara' jekk kienx hemm xi raguni li tista' tiggustifika lill-intimat fl-inadempjenza tieghu aktar u aktar meta l-kera ta' din ir-residenza huwa ta' sitt liri maltin, jigifieri ta' 14-il Euro kull tlett xhur u l-intimat qieghed b'hekk jissogra l-estremi tal-izgombru. Izda, kif gia intqal, l-intimat jidher li abbanduna

dawn il-proceduri u ghalhekk l-unika verzjoni li ghandu quddiemu dan il-Bord hija dik tar-rikorrenti;

Ghal dawn il-motivi, l-Bord qed jilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u ghal fini ta’ zgumbrament qed jipprefigi zmien tlett (3) xhur mil-lum.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------